MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2015

Numru 1/1

**Il-Pulizija**

**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Jeffrey Cassar**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Jeffrey Cassar, u detentur tal-karta tal-Identita' bin-numru 258584M.

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer gewwa San Gilian fil-lejl ta bejn it-28 u id-29 ta' Mejju 2015 ghal habta tas-saghtejn u nofs (0230hrs) ta filghodu;

a. kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti mill-Qorti Kriminali (Malta) preseduta mill-Imhallef Dr Michael Mallia LLD nhar is-17 ta' Dicembru, 2013, f'dan illi naqqas jkun gewwa r-residenza tieghu bejn il-ghaxra u nofs (2230) ta filghaxija u s-sitta u nofs (0630) ta filghodu kontra l-limitazzjonijiet imposti f'dan id-digriet u dan bi ksur ta l'artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr C Stafrace Zammit LLD nhar il-15 ta' Ottubru, 2012, f'dan illi naqqas milli jkun gewwa r-residenza tieghu bejn il-hdax (2300) ta filghaxija u s-sebgha u nofs (0730) ta filghodu kontra l-limitazzjonijiet imposti f'dan id-digriet u dan bi ksur ta l'artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr T Micallef Trigona LLD nhar it-13 ta' Novembru, 2012, f'dan illi naqqas milli jkun gewwa r-residenza tieghu bejn il-hdax (2300) u s-sebgha u nofs (0730) kontra l-limitazzjonijiet imposti kontra il-l'ordni imposta f'dan id-digriet u dan bi ksur ta l'artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d. u aktar talli kiser ordni ta probation mahruga mil-Qorti tal-Magistrati Malta, liema ordni ghaddha fis-sehh;

e. u aktar talli irrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta htija, tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmi Jeffrey Cassar, u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi imputat kif stipulat fl'artikolu 579(2) (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli 49, 50 u 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-imuputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu mill-liema jirrizulta li din mhiex l-ewwel darba li ttiehdu proceduri kontra l-imputat minhabba li kiser il-kundizzjonijiet imposti ma'l-ghoti tal-helsien mill-arrest. Jidher li l-imputat ghadu ma rrealizzax li l-kundizjonijiet imposti mill-Qorti jridu jigu osservati skrupolozament. F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma li l-piena ghandha tkun wahda karcerarja u li ghandu jigi revokat l-helsien mill-arrest mghoti lilu permezz tat-tlett degrieti imsemmija fic-citazzjoni. Tenut kont ta'l-liema kundizzjoni inkisret u tal-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija kif ukoll l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri l-Qorti ser timponi piena aktar vicin il-minimu milli l-massimu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 49, 50 u 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah sitt xhur prigunerija; in oltre qed tirrevoka l-helsien mill-arrest mghoti lill-imputat bid-degrieti tas-17 ta' Dicembru 2013, tat-13 ta' Novembru 2012 u tal-15 ta' Ottubru 2012 rispettivament. Il-Qorti qed taghzel li ma titrattax ma'l-imputat ghar-reati li taghom instab hati u tpogga taht ordni ta' probation bis-sentenza datata 4 ta' April 2013.

Il-Qorti qed tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin biex l-imputat ma jinzammx f'Division 6.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------